MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 438/2008

**David Ellis (karta ta' identita' numru 418390M) bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**vs**

**Carmen Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur nomine li ddikjara li l-konvenuta hija debitrici tal-attur nomine fis-somma ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin Euro u sittin centezmu (€824.60) rapprezentanti mizati ta' *term* li gew rezi dovuti a tenur tal-Artikolu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St. Edward's stante li l-konvenuta naqset milli taghti l-pre-avviz mehtieg skont l-istess Artikolu li t-tifel taghha mhux ser jattendi l-iskola izjed u dan skont kont li jgib id-data tal-1 ta' Settembru, 2006.

Il-konvenuta Carmen Farrugia, ghalkemm interpellata anke ufficjalment sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti.

Ghalhekk qiedgha ssir dina l-kawza sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas ‘l hawn fuq imsemmi ammont ta’ tmien mija u erbgha u ghoxrin Euro u sittin centezmu (€824.60), lill-attur nomine.

Bl-ispejjes kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra legali li ggib id-data tas-6 ta’ Awissu, 2007 u tal-ittra ufficjali li ggib id-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tas-subartikolu 2148 ( C ) tal-Kap. XVII.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel jum illi fih iben il-konvenuta ma marx skola fil-bidu tas-sena akkamedika 2006-2007, u l-konvenuta kienet *ai sensi* tas-subartikolu 7.1. tar-*Regulations and Procedures* ta’ St. Edward’s College precedentement tat avviz ta’ dan permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Lulju, 2006 mibghuta lil istess Kullegg u ghalhekk ebda ammont huwa dovut lill-attur nomine.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huwa effettivament St. Edward’s College, f’din il-kawza rapprezentat mill-attur nomine, illi jaf il-flus lill-konvenuta u ghalhekk qiedgha tigi pprezentata kontro-talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk u meta jkun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine, inkluz dawk tan-nota responsiva wara l-ittra ufficjali tal-attur nomine tas-7 ta’ Frar, 2008 *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. XII, kif ukoll dawk tal-ittra legali.

Ra l-kontro-talba tal-konvenuta li talbet lil dan it-Tribunal sabiex l-attur nomine bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward’s jigi kkundannat irodd lura lill-konvenuta is-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin Euro

u erbgha u tletin centezmu (€582.34), ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), dana billi iben il-konvenuta Warren Farrugia tnehha mill-Kullegg St. Edward's u allura telaq, u ghalhekk tisthoqq ir-rifuzjoni lill-konvenuta tas-somma hawn fuq imsemmija u li kienet thallset meta huwa gie iskritt fl-istess Kullegg, ghaliex kif jaqra' is-subartikolu 8.2 tar-*Regulations and Procedures* tal-istess Kullegg, '*Upon application, a registration fee of Lm350 is payable……..the sum of Lm250 will be returned to the student upon leaving'.*

Illi l-attur nomine, ghalkemm interpellat ghal dan il-ghan, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tan-nota responsiva wara l-ittra ufficjali tal-attur nomine tas-7 ta' Frar, 2008 *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. XII, kif ukoll dawn tal-ittra legali u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuta, fejn eccepixxa illi t-talba tal-konvenuta ghar-rifuzjoni tal-ammont ta' hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li r-rifuzjoni ta' parti mir-*registration fee* fl-ammont ta' tmien mija u hmistax- il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (Eur815.28), ekwivalenti ghal tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), pagabbli malli student jigi registrat mal-Kullegg St. Edwards (liema somma ta' rifuzjoni tammonta ghal erba' mija u erbgha u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€464.87), ekwivalenti ghal mitejn lira Maltin (Lm200), u mhux l-ammont pretiz mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha, issir meta student jaghlaq is-sittax-il (16) sena, irrispettivament meta jitlaq mill-iskola.

Illi skont kif ser jigi ppruvat, iben il-konvenuta jaghlaq sittax-il (16) sena fis-sena 2013 u qabel din id-data l-obbligu tal-Kullegg St. Edward's illi jirrifondi s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€465.87) ma jigix fis-sehh.

Illi l-konvenuta accettat tali kondizzjoni meta ffirmat il-formola tar-registrazzjoni li ggib id-data tad-29 ta' Novembru, 2001.

Illi l-attur nomine rikonvenzjonat qatt ma gie interpellat ufficjalment permezz ta' ittra gudizzjarja sabiex jaffetwa l-hlas hawn fuq imsemmi u ghalhekk, stante li din it-talba tikkoncerna debitu civili, l-ebda imghax legali mhu dovut jekk semmai l-kontro-talba tigi milqugha minn dan it-Tribunal.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Ra x-xhieda ta' David Ellis, fil-kapacita' tieghu bhala Bursar tal-Kullegg St. Edward's u ghalhekk bhala l-persuna li kienet tiehu hsieb il-finanzi tal-iskola.

Huwa jikkonferma li dina l-kawza kienet infethet ghaliex kienu qed ifittxu lill-konvenuta ghal hlas tal-ewwel mizata tat-tifel taghha, Warren Farrugia, ghas-sena skolastika 2006-2007. L-ammont li huwa pretiz huwa dak ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin Euro u sittin centezmu (€824.60).

Ighid li iben il-konvenuta ma kienx attenda l-ewwel *term* u skont ir-Regolament numru 7.1, salv f'kazi ta' *sixth former jew fifth former*, hemm obbligu li jintbaghat avviz ta' xahrejn mill-genituri u dan irid isir bil-miktub. Jekk dan ma jsirx huma ntitolati li jitolbu l-mizata ta' *term* shih. Ix-xhud jispjega kif qatt ma kienu rcevew dan l-avviz bil-miktub minghand il-konvenuta, u wara li kien baghat ittra ghan-nom tal-Kullegg fil-5 ta' Novembru, 2006, kif ukoll wara li baghat ittra ufficjali, il-konvenuta kienet irrispondiet tramite l-Avukat taghha. Ix-xhud jikkonferma li kien fil-5 ta' Novembru, 2006 li nfurmaw lill-konvenuta li kienet naqset li taghtihom avviz li t-tifel ma kienx ser jattendi l-Kullegg aktar u mbaghad kien hemm ittra ohra datata 7 ta' Novembru, 2006 li biha nfurmaw lill-konvenuta jekk xtaqitx li l-ammont jitnaqqas mid-depozitu li kienet hallset. Ix-xhud ukoll jichad li b'xi mod, l-ittra tal-5 ta' Novembru,

2006 kienet prefabrikata, ghax imbaghad kienet intbaghtet ohra ghas-7 ta' Novembru.

Ix-xhud ighid li ma setax jaqbel mal-insistenza tal-konvenuta li tithallas il-flus lura minghand l-attur nomine. Ix-xhud ighid li kien baghat ittra lil-konvenuta u r-ragel taghha Aldo Farrugia, izda sa' fejn jiftakar ma kienx ircieva ittra minghandhom, minkejja li Farrugia jinsisti li kien baghat ittra f'Lulju, 2006. Ighid ukoll li ma kellux *records* tal-*e-mail* li baghat tramite l-konvenuta.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tikkonferma li t-tifel taghha Warren Farrugia, kien attenda l-Kullegg u kien wasal sar-raba' (4) sena. Tghid li ghal habta tal-ahhar *semester,* waqt li kien ghadu l-iskola, kienet tkellmet mal-*Headmistress* tal-isklola Mrs. Anne Tabone, fejn kienet ghamlet referenza ghall-incidenti li kienu graw, bhal li l-hbieb tal-klassi ta' Malcolm kienu joqoghdu jaraw il-*films* pornografici u kienu bdew jinsulentawh li kien *gay.* It-tifel imbaghad beda juza' kliem hazin u Mrs. Tabone qaltilha li kienu qed ighixu f'dinja moderna u t-tfal kontinwament jghajjru lil xulxin b'dawn il-kliem. Il-konvenuta tghid li ma kienetx qed tistenna reazzjoni ta' dan it-tip minghandha.

Minhabba f'hekk bdiet tfittex skejjel alternattivi u kienu gibdulha l-attenzjoni li biex tbiddel l-iskola kien jehtieg li tikteb ittra sabiex tavza lill-Kullegg.

L-ittra li baghtet kienet f'Lulju, 2006 u kienet infurmathom li t-tifel minuri ma kienx ser ikompli jattendi l-Kullegg u fit-30 ta' Ottubru, 2006 irceviet ittra mill-iskola fejn infurmawha li ma kienitx hallset il-mizata. Kien ghalhekk li kienet ikkomunikat ma' David Ellis u infurmatu li kienet sorpriza bl-ittra li kienet ircviet, meta ftit qabel kienet infurmathom li t-tifel minuri taghha ma kienx ser ikompli jattendi l-Kullegg.

Ellis innega li qatt rcieva l-ittra taghhom, izda tghid li ma emmnitux ghaliex kien ghadda xahar ta' skola u mill-Kullegg ma kienux ivverifikaw ghaliex it-tifel ma kienx qed jattendi skola.

Tikkonferma ukoll li l-*partner* taghha Mark Sammut kien baghat *e-mail* lill-Kullegg, u dan kien fl-24 ta' Lulju, 2006, izda ma kienux rcevew risposta.

Kien biss wara li rceviet ittra legali, li kienet baghtet ittra datata 27 ta' Settembru, 2007 fejn tat spjegazzjoni ghalfejn kienu hargu lit-tifel mill-Kullegg, u di piu' kienu qed jitolbu lura rifuzjoni ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmi (€582.34), ossija li kienu hallsu bhala depositu. Pero' qatt ma rceviet risposta ghal din l-ittra u sussegwentement irceviet ittra ufficjali u kien ghalhekk li kienet inkarigat Avukat.

Ra x-xhieda ta' Dr. Mark Sammut li jghid li l-konvenuta kienet talbitu jara x'problema kellu l-minuri, u kien irrizulta li kien qed ikun ma' shabu fil-klassi u waqt lezzjoni u ohra kienu dahlu f'siti pornografici u kien staqishom x'kienu jfissru dawn il-kliem.

Dan kien gie kkonfermat mill-iskola wara l-konvenuta kienet gibditilhom l-attenzjoni u kienet issuggeritilhom li kien hemm bzonn li jirrangaw u jiehdu hsieb. Huwa jikkonferma l-istess kontenut tax-xhieda tal-konvenuta.

Ighid ukoll li kien ircieva ittra minghand il-Kullegg li kien qed isaqsi ghalfejn it-tifel Warren ma kienx qed jattendi l-iskola u dan kien ghal habta ta' Novembru, 2006.

Kienu rrispondew u kien baghat *e-mail* fejn informa lil Kullegg li l-konvenuta kienet diga' baghtet ittra ghal habta ta' Lulju, 2006 fejn diga' kienet infurmathom li t-tifel taghha ma kienx ser jattendi l-Kullegg aktar.

Ra x-xhieda ta' Emma Vella in rapprezentanza tas-socjeta' Maltapost p.l.c. u tispjega li kienet harget cirkulari fejn il-pubbliku gie nfurmat illi kienu ser jinbiddlu l-*post codes* u kellhom jidhlu b'effett minn Settembru, 2007.

Kien hemm kartolina tal-Milied mibghuta minnhom sabiex iheggu lin-nies jutilizzaw l-kodici gdid. F'April, 2007 kien

hareg avviz iehor u f'Settembru, 2007 kienu gew enforzati, meta kienu ilhom javzaw minn Dicembru, 2006.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ser jezamina l-ewwel l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qabel ma jippronunzja ruhu fuq il-kontro-talba.

1. Preskrizzjoni

Il-konvenuta eccepiet illi l-azzjoni odejerna hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2148(C) tal-Kap XVI, liema disposizzjoni tal-Ligi tikkontempla preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar ghall-azzjonijiet ta' djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim ghal-hlas tad-dritt taghhom.

Wara li t-Tribunal ezamina bir-reqqa s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, jaqbel ma' dak li gie rilevat mill-attur nomine, illi l-preskrizzjoni giet interrotta, stante li bdiet tiddekorri mill-1 ta' Settembru, 2009 u cioe' meta nhareg il-kont mill-Kullegg u giet ipprezentata ittra ufficjali fis-7 ta' Frar, 2008, u cioe' qabel ma skadew tmintax-il (18) xahar.

Il-konvenuta tinsisti li l-perjodu ghall-azzjoni ghandu jibda jiddekorri minn Awissu, 2006, u cioe' xahrejn qabel il-minuri Warren, bin il-konvenuta kellu jibda l-iskola. Izda, l-Artikolu tal-Ligi citat mill-konvenuta jirreferi ghal hlas tad-dritt taghhom u ghalhekk japplika z-zmien minn meta inhareg il-kont mill-Kullegg u xejn aktar minn hekk.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni qiedgha tigi respinta.

2. Regolament 7.1 tar-*Regulations and Procedures ta' St.Edward's College*

Dan it-Tribunal mhux ser jiddilunga fuq l-interpretazzjoni ta' din ir-regola, ghaliex diversi Tribunali, diversament preseduti, kif ukoll, Qrati ohra, kellhom okkazzjoni jenuncjaw ruhhom fuqha.

*7.1 "Except for students leaving Year 13 or Year 11 at the end of the Trinity term, at least two months notice must be given in writing to the Headmaster before a student is withdrawn from the school. In default of such notice, payment of one term's fees shall be due, and the College reserves the right to proceed against defaulters according to law. If written acknowledgement of notice is not received from the school within two weeks, parents are advised to contact the school secretary for confirmation that notice has not been received."*

**"Dawn ir-regolamenti jikkostitwixxu relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet sabiex il-Kullegg jipprovdi l-edukazzjoni……Il-Qorti ma tistax f'din il-kawza tissindika r-regolamenti tal-Kullegg, dawna ghandhom jigu accettati kif inhuma." (Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 15 ta' Dicembru, 2003 David Ellis noe vs Alfred Testa et).**

Li ghandu issa jigi stabbilit minn dan it-Tribunal huwiex minnu li l-konvenuta naqset li tonera dawn ir-regolamenti jew le. Dan jista' biss jigi deciz a bazi tal-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal u apprezzament ta' dawn il-provi. It-Tribunal jaqbel perfettament ma' dak li gie enuncjat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Boarding School (Malta) Limited vs Dimitri Alexandrov et (6 ta' April, 2005)** ***"naturalment fl-ambitu tal-fattispeci kull Tribunal ghandu dik ic-certa diskrezzjoni li jisselezzjona dawk il-fatti li purche' jkunu pruvati, jitqiesu minnu determinanti ghal ahjar konvinzjoni tieghu. F'kaz bhal dan huwa applikabbli l-kriterju generali tac-certezza morali tal-gudikant dwar il-verita' tal-fatti."***

Dan it-Tribunal jibda biex ighid li sabiex wasal ghal din id-decizjoni dam jirrifletti u dan minhabba diversi inkonsistenzi li rrizultaw waqt il-kaz.

Il-konvenuta tinsisti li kienet baghtet ittra datata 24 ta' Lulju, 2006 fejn baghtet tinforma lill-Kullegg li t-tifel minuri taghha ma kienx ser jattendi aktar din l-iskola u dan *entro* iz-zmien stipulat fir-regolament 7.1.

David Ellis, li xehed ghan-nom tal-Kullegg, jichad li qatt ircieva din l-ittra u *di piu'* giet prodotta *e-mail* li allegatament intbaghtet minn Dr. Mark Sammut, *partner* tal-konvenuta, direttament lil Ellis li kkonferma l-*e-mail address* tieghu, pero' jinnega li qatt ircieva din l-*e-mail* (Dok. CF3).

L-istess *e-mail* tikkonferma li inbaghtet regolarment fid-9 ta' Novembru, 2006.

Jidher li kien hemm raguni li wasslet lill-konvenuta sabiex tohrog lill-minuri Warren Farrugia mill-iskola u dan meta shabu kien qed ikollhom access ghal siti pornografici fuq il-kompjuter tal-iskola.

L-attur nomine, ippreciza li ma kienx jaf dwar dawn il-problemi, izda lanqas ma kien ircieva l-ittra fejn inghata x-xahrejn *notice*.

Gie sottolineat ukoll mill-konvenuta li l-Kullegg dam xahar shih sabiex jinvestiga l-ghaliex il-minuri ma kienx qed jattendi l-iskola u l-ewwel ittra li rceviet minghand il-Kullegg kien fit-30 ta' Ottubru, 2006 fejn talbu l-hlas tal-mizata.

Bhala Kullegg kien fi dmirhom li jivverifikaw jekk kienx hemm xi mard jew xi raguni ohra ghalfejn il-minuri ma kienx qed jattendi regolarment sa mill-ewwel gurnata. L-argument jista' jkun li, minhabba li kif qed isostni l-attur nomine ma kienux ircevew l-ittra fi zmien xahrejn, li biha infurmaw l-iskola li ma kienitx ser tibghat lill-minuri aktar jew altrimenti rrealizzaw li kien hemm xi *misunderstanding* u ttentaw jaghtu cans sabiex jigbru din il-mizata. It-Tribunal ha jelabora fuq dan ghaliex minn apprezzament tal-provi ihoss li l-konvenuta kienet aktar kredibbli.

Primarjament, l-ittra u l-*e-mail* gew prodotti u l-unika difiza li seta' jgib l-attur nomine kienet li qatt ma kienu rcevewhom – skuza facli: jew ircevithom jew le, u fil-kaz in kwistjoni ma kienx jaqblilhom jammettu li dawn kienu rcevewhom.

Apparti minn hekk, hemm zewg (2) ittri li jaghtu x'jahsbu lit-Tribunal fuq is-sincerita' tal-attur nomine, precisament rigward l-ittra tal-5 ta' Novembru, 2006 u tas-7 ta' Novembru, 2006.

Hemm diversi fatturi dubbjuzi fuq dawn l-ittri.

L-attur nomine qatt ma esebixxa l-ittra datata 7 ta' Novembru, 2006 u dan ghaliex ovvjament ma kienx jaqbillu, izda dwar il-kontenut taghha, peress li din tifforma l-mertu tal-kontro-talba, it-Tribunal ser jippronunzja ruhu fid-dettal aktar tard.

Semplicement, f'din l-ittra kien hemm tip ta' tpacija proposta mill-Kullegg, sabiex il-mizata titnaqqas mid-depozitu li thallas mill-konvenuta meta rregistrat it-tifel fil-Kullegg. It-Tribunal jissottolinea ukoll li fil-fatt l-*e-mail* li baghat Dr. Sammut intbaghat jumejn wara, precisament jumejn wara li l-konvenuta rceviet din l-ittra.

Imbaghad, l-attur nomine, minflok esebixxa ittra datata 5 ta' Novembru, 2006 fejn l-Kullegg kien qed jitlob lill-konvenuta thallas il-mizata. It-Tribunal, jista' jikkonferma, wara li ghamel ir-ricerki tieghu, li effettivament l-5 ta' Novembru, 2006 kien jahbat il-Hadd u huwa wisq probabbli li dakinhar l-attur ma kienx xoghol u ghalhekk ma setax baghat din l-ittra, izda jekk forsi baghat l-ittra mid-dar, xorta ghat-Tribunal hija haga stramba li ntbaghtu zewg ittri, wahda fil-5 ta' Novembru, 2006 u l-ohra fis-7 ta' Novembru, 2006, fejn prattikament jitolbu l-istess haga, pero' l-ahhar ittra tmur pass *oltre*.

Ir-regolament 8.1 tar-*Regulations* jikkontempla illi:-

***"All applications for a place at St .Edward's College will be subject to a Registration Fee of Lm350 with the exception of sons of Old Edwardians who will pay Lm250. Of this amount, Lm200 (without interest) will be refunded when the child has reached official school leaving age (currently 16 years) and has left St. Edward's College. This amount may NOT be***

***withdrawn before this date irrespective of whether the child attends, does not attend, or leaves St. Edward's College."***

Hija pjuttost misteru kif fl-ittra tas-7 ta' Novembru, 2006 Ellis jikteb hekk:

"*I would be grateful, therefore, if you could forward a cheque for Lm354 to allow me to put your account in order. I will then forward you a cheque for Lm200 being the refundable portion of the Registration paid by you in November, 2001. Alternatively, you may forward a cheque for Lm154 and I will transfer the Lm200 to cover the balance*."

Dokument DE 5 imbaghad jindika li r-*registration fee* ta' Warren Farrugia ghandha tithallas lura fis-sena 2013. Ghalhekk, hemm kontraddizzjoni lampanti bejn dak li jirriflettu r-regolamenti u dak li qed jipproponi li jsir Ellis.

L-attur nomine jaghti interpretazzjoni li l-proposta kienet tapplika biss jekk l-konvenuta kienet disposta li thallas l-mizata.

Il-konvenuta tinsisti li kien hemm accettazzjoni da parti tal-Kullegg li jhallsu lura dan l-ammont li thallas ghar-registrazzjoni tal-minuri.

It-Tribunal ma jhossx li l-verzjoni tal-atturi hija kredibbli ghaliex jekk primarjament din ir-*registration fee* ma setghetx tithallas qabel is-sena 2013, qatt ma messu ghamel proposta bhalma ghamel. Seta' kien il-kaz li saret minhabba li wara kollox kienu rcevew l-ittra tal-24 ta' Lulju, 2006, izda ma riedux jammettu u ttentaw jaqtghu t-triq tan-nofs halli hadd ma jmur minn taht.

Din mhix gustizzja, ghaliex ir-regolamenti qedghin hemm biex jigu onorati u jekk parti tonorahom din m' ghandiex tigi ppregudikata minhabba nuqqas ta' haddiehor.
Oltre minn hekk, fis-sentenza **Ellis vs Satariano (SCT. 12 ta' Dicembru, 2006**) it-Tribunal qal ukoll illi ***"….l-ircevuta ta' acknowledgement mibghuta mill-Kullegg***

***ghalkemm desirabbli, m'hijiex tassattiva u …..allura n-nuqqas ta' acknowledgement minn naha tal-Kullegg m'huwiex ta' pregudizzju ghall-konvenuti*.”

Ghalhekk, din ukoll ghandha tigi interpretata a favur tal-konvenuta.

Fl-ahharnett, dubjuz ukoll huwa punt imqajjem mill-konvenuta rigward l-ittra tal-5 ta' Novembru, 2006 fejn il-*letterhead* kienet aktar recenti minn dik tas-7 ta' Novembru, 2006 u dan meta l-ittri allegatament intbaghtu jumejn wara xulxin.

Skond ir-rapprezentant tal-Maltapost p.l.c. l- *postcodes* godda kellhom jigu fis-sehh minn Settembru, 2007, u dan meta fl-ittra tal-5 ta' Novembru, 2006 hemm il-*postcode* gdida. Jista' jaghti il-kaz li giet ipprintjata mill-*file* fuq *letterhead* gdida ghal finijiet tal-kaz, u anke jekk mhux determinanti ghal kaz, hemm wisq probabilitajiet u koincidenzi bla spjegazzjoni fil-kaz intier.

Ghalhekk, minhabba li t-Tribunal seta' jaghmel biss apprezzament tal-provi fuq bazi ta' probabilitajiet u konvinciment morali fuq il-kredibiita' tax-xhieda, huwa aktar propens li jemmen l-verzjoni tal-konvenuta li kienet aktar konvincenti minn dik tal-attur nomine, li kien jew *in denial* jew ta' ragunijiet superficjali li fil-kwadru tal-kaz ma jidhrux daqshekk ovvji.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjes relativi a kariku taghha, jichad it-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjes relativi a kariku tal-istess.

Fir-rigward tal-kontro-talba, din hi relatata mat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, billi jirrigwardaw l-istess mertu, it-Tribunal diga' ppronunzja ruhu u jhoss li kienet haga ingusta da parti tal-attur nomine li jaghmel proposta fis-sens li ghamel ghaliex kien jaf li kellu tort, izda kien lest li jmur oltre l-interpretazzjoni tal-ftehim biex kulhadd igawdi.

It-Tribunal ma jistax jikkundanna l-agir tal-attur nomine, u bla ebda mod ma jista' jiggustifikah. Pero' billi hemm ir-regolamenti li jammontaw ghal ftehim kontrattwali, it-Tribunal ma jhossx li ghandu jaghti interpretazzjoni daqshekk wiesgha ghaliex ikun qed johloq precedent. Ellis ma messu qatt ghamel proposta fis-sens li ghamilha, meta l-istess regolamenti ma kienx jippermettulu jaghmel dan, anke l-istess eccezzjoni li qajjem fil-kontro-talba hija in sostenn ta' dan. Il-mod kif u meta ir-rifuzjoni tkun dovuta hija regolata mill-istess Regolamenti li ghalhekk ghandhom jipprevalu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad il-kontro-talba tal-konvenuta billi din tirrizulta intempestiva. Minhabba n-natura tal-kaz, pero', billi l-konvenuta setghet u probbbilment giet zgwidata mill-istess attur biex tahseb li kellha dritt ghar-rifuzjoni qabel iz-zmien u minhabba l-agir tal-attur nomine, l-ispejjes tal-kaz (kontro-talba) ghandhom jigu ssopportati mill-attur nomine kwantu ghal zewg terzi u mill-konvenuta kwantu ghal terz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------